# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 27 ta' Frar 2017**

**Numru 1**

**Rikors Numru 32/15 MCH**

**Rosario sive Sario Sultana**

**v.**

**Avukat Generali u Spettur Louise Calleja**

Preliminari

1. Dan huwa appell maghmul mir-rikorrent minn digriet [id-digriet appellat] moghti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha, fit-3 ta' Novembru 2016 li permezz tieghu dik il-Qorti cahdet it-talba tar-rikorrenti sabiex il-guri li hemm pendenti kontra tieghu u li kellu jibda fis-7 ta' Novembru 2016 ma jibdix qabel ma jinqatghu l-proceduri kostituzzjonali odjerni.

2. Fil-qosor, l-ilmenti tar-rikorrenti huma bazati fuq l-allegazzjoni tieghu, li hu, bniedem marid, kien inzamm taht arrest preventiv ghall-perijodu li jeccedi dak statutorju, bir-rizultat li gew vjolati fil-konfront tieghu d-drittijiet fundamentali kontemplati fl-Artikoli 3 u 5 tal-Konvenzjoni. Barra minn hekk ir-rikorrent isostni li gie lez id-dritt tieghu ghal smigh xieraq, kemm ghax ma kienx inghata l-opportunita` li jkellem avukat qabel l-interrogatorju mal-pulizija, kif ukoll ghax l-istqarrija kienet involontarja mehuda rizultat ta' pressjoni da parti tal-pulizija.

3. Ir-rikorrent qed jitlob li din il-Qorti thassar id-digriet appellat u minflok, tghaddi biex tilqa' t-talba tieghu biex il-guri "ma jinbediex issa izda jistenna' l-ezitu tal-proceduri kostituzzjonali", bl-ispejjez kontra l-intimati.

<u>L-Aggravju</u>

4. Ir-rikorrent fisser hekk l-ilmenti kontenuti fl-aggravju tieghu. Wara li ssenjala li skont hu r-rikorrenti kien dam mizmum taht arrest preventiv ghal aktar miz-zmien stabbilit mil-ligi u, wara li ssenjala wkoll li l-istqarrija kienet giet rilaxxjata minnu taht pressjoni mill-pulizija u li f'dak l-istadju ma kellux assistenza legali, jghid li kieku l-Qorti Kriminali riedet tadotta l-procedura korretta hija kellha tilqa' t-talba ghal referenza kostituzzjonali u b'hekk il-lanjanzi kostituzzjonali kienu jigu ezaminati tempestivament u l-kwistjoni kienet tigi riferuta lill-qrati b'kompetenza kostituzzjonali sentejn qabel ma jsir il-guri.

5. Jghid li l-fatt li dik il-Qorti kienet cahdet il-lanjanzi tieghu bhala merament frivoli u vessatorji wasslitu sabiex kellu jintavola l-proceduri odjerni.

6. Jilmenta li t-talba ghal mizura provvizorja maghmulha quddiem l-ewwel Qorti ma gietx trattata sewwa, u dan ghaliex hija qieset biss il-lanjanza taht l-Artikolu 6[3][c] tal-Konvenzjoni u skartat l-ohrajn. Dawk il-lanjanzi kostituzzjonali l-ohra jirrizultaw mir-rikors promotur u ghandhom jigu decizi qabel ma jibda jinstema' l-guri; isemmi fir-rigward, id-dritt ghal-liberta` minhabba arrest preventiv eccessiv u illegali li jista' jwassal ghal sejbien ta vjolazzjoni tad-dritt ghall-harsien minn trattament inuman u degradanti tenut kont li hu bniedem marid hafna.

7. Jghid li l-ewwel Qorti trattat mar-rikorrent b'mod differenti minn kif il-Qorti Kostituzzjonali trattat ma' Alvin Privitera, Esron Pullicino, Mark Lombardi u ohrajn, stante li "fit-tlett kazijiet l-ohra [u ohrajn] l-akkuzati nghataw id-dritt li jkollhom sentenza qabel il-guri ghall-harsien tad-drittijiet taghhom".

8. Jiccita awtur lokali[1] li jsostni li kwistjoni ta' natura kostituzzjonali li tqum matul proceduri kriminali ma tistax tigi investigata u deciza sewwa minn qorti ta' gurisdizzjoni kriminali. Ghalhekk, li l-ewwel Qorti ma

[1]" Constitutional Proceddure relative to Fundamental Rights and Freedoms", Prof.Giuseppe Mifsud Bonnici

kellhiex taddossa lill-Qorti Kriminali bl-oneru li tiddeciedi kwistjonijiet ta' natura kostituzzjonali. Ikompli jiccita:

> "When the First Court decides that the plea may or can be relevant to the proceedings before it, then it has to refer the matter to the First Hall and suspend those proceedings until a decision on the merits is pronounced by the FH or the CC."

9. Ir-rikorrent ikompli jissottometti li: "X'jiswa' li [l-ewwel Qorti] tkompli tisma' l-kawza wara li jkun sar il-guri?" Jghid li l-kontro-parti ma tridx li qabel ma jibda l-guri jkun hemm sejbien ta' vjolazzjoni tad-dritt tal-liberta` personali minhabba arrest eccessiv, sejbien ta' trattament inuman u degradanti minhabba li r-rikorrenti huwa bniedem marid u ghadda minn tbatija kbira fil-habs. Jghid li l-intimati ma jridux li dawn il-vjolazzjonijiet jingiebu a konoxxenza tal-gurati. Jilmenta li hu qed jigi "mcahhad mid-dritt li jikseb sentenza dwar ksur tad-drittijiet fondamentali qabel il-guri li l-prosekuturi huma determinati li jiccelebrawh qabel ma jkollu sentenza dwar il-ksur tal-jeddijiet tieghu".

10. Jghid ukoll li mhuwiex minnu li dawn il-vjolazzjonijiet mhumiex direttament relatati mal-process tal-guri kif sostnut mill-ewwel Qorti. Ir-rikorrent jikkonkludi l-appell tieghu billi jiccita bran iehor mill-ktieb li ghalih diga` saret referenza:

> "the use of the reference device is aimed at insuring [1] that the merits of a fundamental right/liberty plea are examined and disposed of by those courts which are vested with 'constitutional' competence, and [b] that when that plea is raised it is obliged to suspend the proceedings until the merit are disposed of in the competent court/s only when the raising of the plea is not deemed to be mfov [merely frivolous or

> vexatious], in which case not disruption of the court's proceedings is justified and no suspension is called for."

11. Min-naha taghhom l-intimati jirribattu bil-mod segwenti: li t-talba tar-rikorrenti ma hi xejn hlief abbuz tal-procedura bil-ghan li "jahrab mill-guri u jipprova jsib mezz sabiex jipposponih kemm jista' jkun"; li r-rikorrent kien diga` ghamel, izda minghajr success, talba lill-Qorti Kriminali sabiex l-ilmenti tieghu jigu referuti lill-qrati ta' kompetenza kostituzzjonali; li l-ebda wiehed mill-ilmenti m'hu ser ikollu impatt fuq l-andament jew fuq il-meritu tal-guri u ma ghandux rilevanza ghal dawk il-proceduri; li, minkejja l-allegazzjoni tieghu li meta rrilaxxja l-istqarrija tieghu huwa ma kienx inghata l-opportunita` li jkellem avukat, il-provi juru l-kuntrarju; li l-paragun mal-kazijiet indikati fir-rikors tieghu ma jregix stante li f'dawk il-kazijiet il-proceduri kienu bdew fuq referenza, filwaqt li fil-kaz odjern t-talba ghar-referenza kienet giet meqjusa mill-Qorti Kriminali bhala frivola u vessatorja; li l-Qorti Kriminali, bhal kull qorti ohra, ghandha l-obbligu li tara li "jigi garantit u protett id-dritt tas-smigh xieraq" tar-rikorrent; li l-ghoti ta' mizura interim matul il-proceduri kriminali, huwa ristrett ghall-kazijiet eccezzjonali fejn jekk jigi ravvizat ksur tad-dritt fundamentali il-hsara tkun irreparabbli u ma tkunx tista tissewwa, filwaqt li fil-kaz odjern dan il-pregudizzju ma jikkonfigurax; li kien hemm diversi kazijiet fejn il-Qorti Kostituzzjonali cahdet talba sabiex guri jigi sospiz pendenti l-ezitu ta' proceduri kriminali.

12. Ghar-ragunijiet premessi l-intimati qed jitolbu li l-appell tar-rikorrent jigi michud u d-digriet tal-ewwel Qorti jigi konfermat bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

Id-Digriet Appellat

13. Dan jaqra hekk:

"**Il-Qorti,**

"Rat ir-rikors ta' Rosario Sultana tal-20 ta' Ottubru 2016 li talab lil din il-Qorti li quddiemha ressaq lanjanza kostituzzjonali sabiex taghti 'interim measure' li biha jigi sospiz guri kontra l-istess Rosario Sultana li ghandu jibda fis-7 Novembru 2016. Hu qed isostni illi jekk jithalla jibda l-guri kontrih bla ma tigi deciza l-lanjanza kostituzzjonali tieghu b'referenza ghall-allegati ksur tad-drittijiet tieghu fl-ambitu tal-proceduri kriminali mehuda kontrih, hu ser isofri pregudizzju billi ma jinghatax smigh xieraq waqt il-guri. Hu jsostni fil-kawza kostituzzjonali mressqa minnu illi kien gie rilaxxat mill-arrest preventiv wara li kien qabez sew il-massimu permess mill-ligi ghall-arrest preventiv meta l-partijiet kollha involuti kienu jafu li r-rikorrenti kien ibati minn kondizzjonijiet medici u l-prosekuzzjoni dejjem opponiet ghal helsien mill-arrest u dan kien jikkostitwixxi trattament inuman u degradanti, kif ukoll vjolazzjoni ghad-dritt tal-liberta tal-persuna, u dritt ghal hajja privata u tal-familja. Isostni wkoll illi ma nghatax l-opportunita li jkellem avukat qabel l-interrogatorju u l-istqarrija li ttiehdet hi ghalhekk illegali u kontra d-dritt ta' smigh xieraq.

"Hu jsostni illi l-Qorti tal-Magistrati Sede Kriminali cahditlu talba ghar-referenza u ghalhekk kellu jirrikorri ghal dan ir-rikors. Ghalhekk qed jistieden lil Qorti b'ezercizzju tal-poteri li bihom hi munita li tordna lil Qorti Kriminali tistenna l-ezitu finali tal-proceduri kostituzzjonali.

"L-intimati irrispondew illi l-ligi ma taghti ebda jedd lil din il-Qorti taghti rimedju kif mitlub mir-rikorrenti. Hu minnu illi l-artikolu tal-ligi citat mir-rikorrenti jaghti d-dritt tal-Qorti taghti dawk il-mizuri u rimedji opportuni izda biss f'kaz ta' sejbien ta' ksur u mhux b'mod ipotetiku.

"Finalment isostnu illi 'interim measures' jinghataw biss f'kazijiet eccezzjonali ta' allegata vjolazzjoni tad-dritt ghal hajja u li ma tigix assoggettat ghal tortura jew trattament inuman u degradanti f'kuntest ta' deportazzjoni, estradizzjoni jew espulsjoni li mhux il-kaz.

"Semghet lid-difensuri tal-partijiet.

"**Konsiderazzjoni tal-Qorti**

"Kif qalet il-Qorti fil-kawza **Stephen Pirotta vs Avukat Generali et** (13/2016 deciz fid-19 ta' April 2016):

> "Illi l-mizuri provvizorji huma mahsuba biex izommu milli ssir hsara li ma tissewwiex lil vittma ta' ksur ta' jedd fundamentali b'tali mod li ma jsir xejn li jista' jxejjen jew inaqqas mill-awtorita' u l-effikacja tas-sentenza li tinghata dwar l-istess ilment[2]. F'dan ir-rigward, biex jista' jinghata rimedju provvizorju, jehtieġ li min jitolbu juri li hemm kaz prima facie ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-ghoti tal-mizura provvizorja sejra ggib hsara li ma titreggax lura fil-kaz tieghu[3]. Ghalhekk, mhuwiex bizzejjed li wiehed joqghod biss fuq xi sitwazzjoni ipotetika jew li mhix certa li ssehh. Minhabba f'hekk, l-ghoti ta' provvediment provizorju f'kawza ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali jitlob li jintwerew cirkostanzi eccezzjonali li jaghmluh mehtieg[4];
>
> "Illi huwa stabbilit ukoll li biex jinholqu c-cirkostanzi halli jinghata rimedju provvizorju, jehtieg jintwera wkoll minn min jitolbu li hemm hsara imminenti li titlob it-tehid ta' provvediment bhal dak[5]"

"Kif ziedet il-Qorti fil-kawza **Raymond Caruana vs Avukat Generali**, deciza fit-23 ta' April 2003:

> "interim relief jinghata meta 'there is an apparent real and imminent risk of irreparable harm' u gereralment jinghata f'kazijiet fejn hemm 'an alleged risk to life or ill treatment' fosthom kazijiet ta' deportazzjoni u esplulsjoni ghl stati fejn ir-risku ghall-hajja huma kbar hafna. 'Matters of detention, interference with property rights' mhumiex fost il-kazijiet fejn jinghata interim relief'"

"In oltre kif jghidu l-awturi Van Dijk u Van Hoof (4th Edition pg. 113):

> "In the majority of cases the interim measures are taken seriously by the national authorities. In fact is is only in cases of extreme urgency that interim measures are indicated: the facts must prima facie point to a violation of the Convention, and the omission to take the proposed messures must result or threaten to result in irreparable injury to certain vital interests of the parties or to he progress of the examination. Such would be the case, for instance, if an expulsion threatens to constitute a violation of article 3 of the Convention, in view of a serious risk that the person concerned will be exposed to torture or inhuman treatment or punishment. In that case a stay of expulsion may be requested until the Court has had the opportunity to

---

[2] Q.E.D.B. 06/02/2003 fil-kawza fl-ismijiet ***Mamatkulov et vs Turkija*** (Applik Nru 46837/99) § 110

[3] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *Theory & Practice of the European Convention on Human Rights* (4th Edit 2006) § 2.2.8.3, p 113

[4] Deg PA (Kost) AE 16/04/2014 fil-kawza fl-ismijiet ***Daniel Alexander Holmes vs Avukat Generali et***

[5] Kost 25/09/2014 fil-kawza fl-ismijiet ***Federation of Estate Agents vs Direttur Generali (Kompetizzjoni) et***

> investigate the case. However, it will do so only if there is a high degree of probability that a violation of article 3 is likely to occur. This requires that the applicant state his case in a convincing manner and possibly also presents dsome evidence showing the danger to life or limb to which he may be expelled or extradited to a particular country. It is not sufficient for the applicant to provide information about the danger or uncertain situation in the country of destination and/or his being an opponent of the ruling Government."

"Fl-ewwel lok il-Qorti tqis illi s-sottomissjonijiet tal-Avukat Generali li din il-Qorti ma ghandhiex il-jedd li taghti mizuri provvizorji kif mitluba mir-rikorrenti ma fihiex fondament. Il-Qorti Kostituzzjonali bhala l-Qorti li qeghda hemm biex tiggarantixxi specifikament il-protezzjoni tal-jeddijiet tal-bniedem ghandha kull dritt u obbligu li taghti dawk il-mizuri jew provvedimenti pendente lite li jissalvagwardaw vjolazzjoni potenzjali izda reali tad-drittijiet tal-bniedem jekk ic-cirkostanzi hekk jitolbu.

"Madankollu dan id-dritt u obbligu ma ghandux jigi ezercitat indiskriminatament, bla razan jew b'mod legger specjalment fejn hawn qed jigi allegat possibbli vjolazzjoni li tista' ssir mill-Qorti Kriminali fil-konfront ta' akkuzat li ressaq ilment kostituzzjonali quddiem din il-Qorti li tista' jew ma tistax tinfluixxi fuq il-procediment penali li ghalih ir-rikorrenti hu soggett. Kull sitwazzjoni trid tittiehed fil-perspettiva taghha u fic-cirkostanzi li fiha u dwarha tintalab l-interim measure.

"Din il-Qorti fuq l-iskorta tal-gurisprudenza u awturi citati ma tarax fit-talba attrici l-estrem necessarju ghas-sospensjoni tal-guri pendenti s-smigh ta' din il-kawza. L-ilment ta' smigh xieraq kif propost mir rikorrent cioe allegazzjoni li ma thalliex jikkomunika mal-avukat qabel l-interogatorju, jikkonsisti f'dan l-istadju tal-process kriminali, allegazzjoni tar-rikorrent li jista jitqies biss fil-kuntest ta' jekk inghatax smigh xieraq fl-ambitu shih tal-process kriminali wara li jkunu ngiebu l-provi kollha u l-proceduri kriminali jigu konkluzi definittivament bid-dritt tar-rikorrent, jekk ikun il-kaz, ghal access ghal Qorti tal-Appell Kriminali mill-ezitu ta' tali guri jekk dan ma jkunx favorevoli ghalih.

"Din il-Qorti tqis illi l-Qorti Kriminali bhal kull Qorti ohra ghandha tiggarantixxi adezjoni shiha mal-principji ta' gustizja naturali u senjatament id-dritt ta' smigh xieraq u dan ifisser li ghandha tiehu in konsiderazzjoni kull fattur li jista' jinfluixxi fuq id-dritt tal-akkuzat li jinstema u jgib il-quddiem kull lanjanza li jista' jkollha piz jew influenza fuq il-provi, il-validita u/jew l-evalwazzjoni taghhom. Tali lanjanzi ghandhom jigu indirizzati mill-Qorti Kriminali stess mhux bhala kwistjonijiet kostituzzjonali izda fl-aderenza mal-obbligu li johrog mill-osservanza ta' dawk id-dettami bazici li kull Qorti ghandha tosserva cioe li finalment tiggarantixxi process gust lil akkuzat u fejn jinqalghu kwistjonijiet bhal din li qed tigi allegata mir-rikorrent tinghata piz taghha fis-smigh u gbir tal-provi u l-Qorti tindirizzaha fuq l-iskorta tal-gurisprudenza, ormai cara, tal-Qorti Kostituzzjonali. Dan ma jfissirx li din il-Qorti ma ghandhiex tkompli tisma l-lanjanza kostituzzjonali mqajma mir-rikorrent izda ssostni li tali lanjanza, fl-ambitu tal-process

kriminali tista' xorta tinghata direzzjoni u l-ezitu misthoqq mill-Qorti Kriminali wara li jinstemghu l-provi kollha quddiem il-Qorti Kriminali. Hu fid-dmir tal-Qorti Kriminali li wkoll jindirizza l-kwistjoni u jidderigi lil gurati dwar in-nuqqas o meno tal-pulizija in ottemperanza mal-ligi dwar il-komunikazzjoni ma' avukat u l-validita u l-piz tal-istqarrijiet li setghu nghataw.

"Il-kwistjonijiet l-ohra dwar it-tul tal-arrest preventiv tar-rikorrenti wkoll ma jwasslux lil Qorti tiddeciedi li ghandu jimmerita z-zamma tal-process kriminali billi hi l-fehma tal-Qorti li tali ilment mhux relatat direttament mal-process tal-guri u l-akkuzi migjuba, dejjem bla pregudizzju ghall-ilment kostituzzjonali fih innifsu u r-rimedju li tista' taghti l-Qorti Kostituzzjonali jekk jinstab ksur, liema rimedju ma hux ser jinfluixxi fuq il-proceduri kriminali jekk jissoktaw kif previst cioe b'gustizzja u b'rispett lejn il-principji ta' gustizzja naturali.

"**Decide**

"Ghalhekk il-Qorti ma tqis gustifikata t-talba tar-rikorrenti u qed tichadha, bl-ispejjez ghar-rikorrent, b'dan illi tordna illi dan id-digriet jingieb a konjizzjoni tal-Qorti Kriminali fil-guri li ser jghaddi minnu r-rikorrenti sabiex il-Qorti Kriminali tidderigi ruhha a rigward."

Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

14. Fil-proceduri odjerni, kif jirrizulta mir-rikors promotur, ir-rikorrent qed jitlob li l-Qorti tiddikjara li gew miksura l-jeddijiet tieghu taht l-Artikoli 5, 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja u konsegwentement tordna li fil-guri pendenti kontra tieghu ma jsir l-ebda uzu mill-istqarrija impunjata, kif ukoll li jinghata kumpens xieraq. Min-naha taghhom l-intimati b'risposta guramentata dettaljata spjegaw ir-ragunijiet ghaliex fil-fehma taghhom it-talbiet tar-rikorrenti m'ghandhomx jintlaqghu.

15. Fil-mori tal-proceduri, wara talba tar-rikorrent sabiex il-Qorti taghti *interim measure* fis-sens li jigi sospiz il-guri tieghu pendenti l-proceduri

kostituzzjonali, l-ewwel Qorti tat id-digriet appellat fejn cahdet dik it-talba.

16. Dwar is-sottomissjonijiet l-ohra li huma relevanti ghall-vertenza in dizamina, din il-Qorti tirribadixxi,[6]:

> “26………..li f’materja tal-hekk imsejjha interim measures huwa car l-insenjament ta’ din il-Qorti li tali mizuri ghandhom jittiehdu biss f’kazijiet ta’ urgenza u sahansitra f’kazijiet ta’ “urgenza estrema” fejn in-nuqqas ta’ tehid ta’ tali mizuri jirrizulta, jew jazzarda li jirrizulta, fi hsara irreparabbli ghall-interessi vitali tal-parti koncernata jew ghall-perkors tal-ezami li l-Qorti jkun jehtigilha taghmel [Ara *Q. Kost. Joseph Camilleri v. Avukat Generali,* 1/7/2013, li ccitat b’approvazzjoni mill-ktieb “*Theory and Practice of the European Convention on Human Rights”* ta’ Van Dijk et (4 ediz. 2006, pagna 113].
>
> “Din il-Qorti rriteniet ukoll li mizuri ad interim huma indikati f’kazijiet ecezzjonali [Ara Q. Kost. *Joseph Ruggier et v. Joseph Olivier Ruggier* et, 22/8/2005 #7, #11] . [Q.Kost. *Federation of Estate Agents v. Direttur Generali Kompetizzjoni*, deciza 25 ta’ Settembru 2014]

17. Ghalhekk il-punt li ghandu jigi rizolt f’dan l-istadju, m’huwiex jekk l-allegazzjonijiet tar-rikorrent kif maghmula fir-rikors promotur humiex gustifikati, jew jekk ic-cahda tat-talba ghar-referenza maghmula lill-Qorti Kriminali kinitx gusta jew le, dawk huma materji li ghad iridu jigu decizi mill-ewwel Qorti; izda dak li jrid jigi deciz minn din il-Qorti f’din l-istanza huwa jekk jezistux cirkostanzi li jissodisfaw l-estremi, identifikati mill-kazistika kemm lokali kif ukoll ewropeja, sabiex tinghata mizura provvizorja.

[6] Q.Kos. 45/2016 **Angelo Frank Paul Spiteri v. L-Avukat Generali**

18. Ir-rikorrent isostni li l-lezjoni tad-drittijiet fundamentali indikati minnu ghandhom iwasslu lill-Qorti sabiex tordna li fil-guri ma jsirx uzu mill-istqarrija rilaxxjata minnu, u dan apparti l-ghoti lilu ta' kumpens xieraq ghal dawn il-lezjonijiet. Din il-Qorti tosserva li, anke jekk *dato non concesso* jirrizultaw il-lezjonijiet konvenzjonali allegati mir-rikorrent, xorta wahda l-mizura provvizorja rikjesta minnu ma tissodisfax l-estremi mehtiega sabiex tinghata. Dan ghaliex ic-cahda tal-talba tar-rikorrenti ghall-ghoti tal-mizura minnu mitluba, mhux ser tikkawzalu pregudizzju irreparabbli.

19. Din il-Qorti tosserva li l-ebda wahda mill-allegazzjonijiet maghmula mir-rikorrenti dwar ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu indikati fir-rikors promotur ma tirreferi ghal xi dritt fundamentali li qed jinkiser jew li x'aktarx jinkiser bazat fuq cirkostanzi ta' "extreme urgency" li n-nuqqas li tinghata l-mizura provvizorja rikjesta minnu *"result[s] or threaten to result in irreparable injury to certain vital interests.."* tar-rikorrent.

20. Di fatti, l-allegazzjoni ta' vjolazzjoni tal-Artikoli 3 u 5 tal-konvenzjoni, bazata fuq ic-cirkostanza li dan kien inzamm taht arrest preventiv ghal zmien li jeccedi l-perjodu statutorju ma jistax jikkwalifika bhala theddida ghal dak id-dritt fundamentali tieghu ghar-raguni li din l-allegazzjoni hi bazata fuq fatti allegati minnu li, jekk provati, diga`

sehhew u li waqfu li jsehhu hekk kif eventwalment ir-rikorrent kien gie rilaxxjat mill-pulizija wara talba maghmula minnu.

21. L-istess konsiderazzjoni tapplika ghall-allegata vjolazzjoni tal-Artikolu 8, stante li c-cirkostanzi li fuqu qed jibbaza din it-talba tieghu jirrigwardaw fatti li, jekk provati, diga` sehhew, tant li llum r-rikorrent huwa liberu li jghix mal-familja tieghu.

22. Rigward l-allegata vjolazzjoni tal-Artikolu 6 din il-Qorti tosserva li, safejn din tirrigwarda l-allegazzjoni tieghu li l-istqarrija kienet giet rilaxxjata minnu taht pressjoni – liema fatt allegat huwa kontestat mill-prosekuzzjoni – din hi bazata fuq allegazzjoni ta' fatt li l-prova tieghu trid issir quddiem il-Qorti Kriminali. In kwantu ghall-allegazzjoni tieghu li l-istqarrija – li din il-Qorti tosserva li hi inkriminanti ghar-rikorrent[7] – kienet giet rilaxxjata minnu minghajr ma hu kien nghata l-opportunita` li jikkonsulta mal-avukat tieghu, din ukoll hija bazata fuq fatt li huwa kontestat mill-prosekuzzjoni u li ghalhekk il-prova tieghu trid issir quddiem il-Qorti Kriminali. Ghaldaqstant il-punt jekk ir-rikorrent sofriex jew le vjolazzjoni ta' smigh xieraq jiddeppendi fuq ezami tal-proceduri kriminali fit-totalita` taghhom, jgifieri mill-bidu sal-ezitu finali.

[7] Hija relevanti fir-rigward l-osservazzjoni li mill-atti tal-kumpilazzjoni jirrizulta li l-allegata vittma kienet tat id-depozizzjoni taghha quddiem il-Qorti Istruttorja u l-probabbilita' hi lli ser tingieb bhala xhud mill-prosekuzzjoni fil-guri.

Barra minnhekk, din il-Qorti tosserva li ma jistax jinghad uzu ta' dik l-istqarrija fil-proceduri kriminali tista' tissarraf f'dannu irreparabbli jigifieri dannu li ghalih m'hemmx rimedju, fil-konfront tar-rikorrent; wara kollox hu rikonoxxut minn din il-Qorti li sospensjoni tal-esekuzzjoni ta' sentenza, tista' f'kazijiet "eccezzjonali"[8] titqies bhala rimedju li jaqa' fl-ambitu tal-poteri tal-qrati vestiti f'gurisdizzjoni kostituzzjonali.

23. Ghaldaqstant, ladarba r-rikorrent ma rnexxielux jipprova li fil-kaz odjern jikkonkorru r-rekwiziti sabiex tinghata l-mizura provvizorja rikjesta minnu, l-aggravju huwa infondat u qed jigi michud.

Decide

Ghar-ragunijiet premessi tiddisponi mill-appell billi tichdu, bl-ispejjez a kariku tar-rikorrent.

Tordna li l-inkartament odjern jintbaghat lill-ewwel Qorti ghall-prosegwiment tas-smigh tal-kawza.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df

[8] Q.Kos.21.05 **Emanuel Ruggier v. Oliver Ruggier**, 22 Awwissu 2005